C/2024/7447

13.12.2024

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2024/7447)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

fil-paġna 344, tiddaħħal in-nota ta' spjegazzjoni li ġejja:

"**8483 Xaftijiet tat-trażmissjoni (inkluż kamxafts u krankxafts) u krankijiet; housings tal-bearings u shaft bearings lixxi; gerijiet u settijiet ta' gerijiet; ball screws jew roller screws; gearboxes u oġġetti oħrajn li jibdlu l-veloċità, inkluż torque convertors; flywheels u tarjoli, inklużi blokki ta' tarjoli; klaċċijiet u shaft couplings (inkluż ġonot universali)**

848350 Flywheels u tarjoli, inkluż blokok ta' tarjoli

Din is-subintestatura tinkludi roti idler taċ-ċineg magħmulin minn metalli komuni, iddisinjati biex jintużaw f'magni biċ-ċineg għaċ-ċaqliq tat-terrapien jew tal-ħamrija biex jiggwidaw u jiżżerżqu ċ-ċineg. Dawn l-oġġetti huma kkunsidrati bħala tarjoli ħielsa. Ma jittrażmettu l-ebda potenza minnhom infushom, iżda jżommu t-tensjoni taċ-ċinga, jittrażmettu l-moviment rotatorju, u bħala tali jaġixxu bħala gwida (ara l-NSSA għall-intestatura 8483, il-parti (G) 'Tarjoli, inklużi blokki ta' tarjoli', it-tieni paragrafu)."

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.